MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 4/2011

**Avviz Numru: 2506/JB**

**Stephen Muscat**

**vs**

**Armstrong Co. Ltd. u b' sentenza numru 1916 giet ordnata korrezzjoni ghall-inkluzjoni ta' Farrugia Gordon**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fid-9 ta' Frar 2011 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Illi r-rikorrenti talab lil din it-Tribunal jiddikjara li t-tkeccija tieghu ma saritx ghal raguni gusta u konsegwentement kumpens konsegwenzjali.*

*Illi s-socjeta' intimata cahdet il-pretensjoni rikorrenti stante li in linea preliminari ma kinetx il-legittima kontraditur, u fil-meritu kien kaz ta' 'redundancy'.*

*Illi b'sentenza in parte moghtija fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) l-intimat Gordon Farrugia giet dikjarat bhala l-legittimu kontradittur.*

***Fatti***

*In linea preliminari, kienet tqajmet il-kwistjoni tal-legittimita' tal-persuna bhala kontradittur. Una volta dina giet sorvolata, tressqu l-provi relattiva ghat-terminazzjoni.*

*Ir-rikorrent stqarr li hekk kif dahal huwa ghax-xoghol wara injury leave gie rinfaccjat b'zewg persuni ohra jaghmlu sia x-xoghol tieghu u sia xoghol iehor. L-imghallem tieghu tah in-notice, u kien ser jaghmillu certifikat ta' terminazzjoni bhala 'redundant' sabiex ikun jista' jikkwalifika ghal beneficcji socjali.*

*Da parti tieghu il-principal Gordon Farrugia allega li r-rikorrent ma riedx jaghmel xoghol fuq gewwa. Huwa kien jahdem xoghol fuq barra. Dan ix-xoghol kien qed naqaslu billi ma kienx baqa' produttiv u wisq anqas lavattiv. Kien impjega pero' zewg persuni ohra li kienu qed jaghmlu l-istess xoghol.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Illi l-kaz in dezamina jirrivolvi ruhu fuq xhieda unika tal-impjegat u tal-principal tieghu. Il-versjoni tal-fatti minnhom moghtija rispettivament huwa opposti ghal xulxin.*

*Illi jibqa' pacifiku pero' li una volta l-intimat principal jallega 'redundancy' bhala raguni ghal terminazzjoni ta' impjieg sta a li jippruvaha. Fil-kaz odjerna, il-principal xehed li ried jelimina x-xoghol ta' barra billi ma baqax fattibbli.*

*Illi l-kwistjoni tar-redundancy kemm il-darba giet trattata minn dan it-Tribunal. Issir referenza ghal decizjonijiet fil-kwistjonijiet ta' xoghol "Alexander Petrella vs Alex Mercieca Bathroom Ltd", "Dennis Falzon vs Frosch Turistik Malta Ltd", "Anthony Tabone vs FX Borg Furniture Ltd", "Nicholas Camilleri vs Visual Trends & Co Ltd", "Andrew Farrugia vs Anth. Farrugia & Sons Ltd", "Julian Schembri vs Joint Beach Committee", "Jean Galea Souchet vs Multicom Ltd." It-Tribunal* ghandu *jidhol fil-kwistjoni jekk ir-redundancy biex jara hux sewwa jew le - Anton Bonnici vs Plumeller Ltd.*

*Inoltre anke Selwyn fl-opera tieghu - Law of Employment - 15th Edition, PP 464 PP - jghid :-*

*"In considering the definition of redundancy, earlier cases appear to have concentrated on the work which the employee actually did (the function test) and the work which the employee was obliged to do under his contract (the contract test). But in recent case of Safeways Stores plc vs Burrell it was stated that both these approaches were wrong, and that it is the statutory definition which must be considered. The true test requires employment tribunals to consider whether there was a diminution or cessation in the employer's requirement for employees to carry out work of a particular kind, and not to focus on the work of the individual employee.*

*The issue was finally resolved by the House of Lords in Murray v Foyle Meats Ltd where it was held that the key word on which tribunals should concentrate is 'attributable'. Thus if a dismissal of an employee was 'attributable' to a diminution of the employer's need for employees, then it is irrelevant to consider either the contractual obligations or the functions which the employee performed".*

*In sostenn tal-allegazzjoni tieghu l-principal ma produca l-ebda prova hlief ix-xhieda tieghu. Ir-rikorrent innega 'ab initio' il-versjoni tal-fatti kif esposta mill-principal tieghu. Meta rritorna fuq il-lant tax-xoghol wara 'injury leave' huwa*

*gie rinfaccjat b' zewg haddiema ohra fuq il-post tax-xoghol u terminazzjoni immedjata tal-impjieg. L-istorja ta' tnaqqis ta' xoghol fuq barra u nuqqas ta' accettazzjoni ta' xoghol fuq gewwa kien qed jismaghha ghal l-ewwel darba.*

*Illi l-allegazzjoni ta' 'redundancy' ma giet la sostanzjata u wisq anqas korroborata oltre li giet michuda mill-ewwel mir-rikorrent.*

*Illi t-Tribunal huwa propens li jaghti aktar affidabilita' lil versjoni tal-fatti kif esposti mir-rikorrenti minn dik proposta mir-rikorrent. Hija aktar verosimili billi l-esigenza tal-principal kien jirrikjedi t-tali esposizzjoni.*

*Illi ghandu jinghad li matul id-dekors tat-trattazzjoni tal-kawza u ezattament fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Frar 2010, l-intimat offra lura l-post lir-rikorrent. Meta saret din il-proposta simili, dina ssir bi pregudizzju. It-Tribunal jistqarr - allura l-kondizzjonijiet tax-xoghol u l-aspettativi tal-intimat ma ghadhomx vigenti f'dan l-istadju?*

***<u>Kumpens</u>***

*Illi rigward l-ingagg mill-gdid dana mhux konsiljabbli aktar u aktar meta r-rikorrent ghandu odjernament impjieg alternattiv. Tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz eta', zmien ta' l-impjieg u raguni ta' terminazzjoni qed tigi iffissata in linea ta' kumpens is-somma ta' sitt elef ewro (€6,000).*

*<u>Konkluzjoni</u>*

*Illi t-Tribunal jiddeciedi illi t-terminazzjoni tal-impjieg ma saritx ghal raguni valida, u l-intimat qed jigi kkundannat li jhallas in linea ta' kumpens fis-somma ta' sitt elef ewro (€6,000).*

*Bhala tassazzjoni ta' drittijiet qed tigi iffissata s-somma ta' hamsa u sittin ewro (€65)".*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Armstrong Co Ltd (C17755) u ta' Gordon Farrugia (I.D.481977M) datat 21

ta’ Frar 2011 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minhom mressqa tilqa’ l-appell taghhom u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-11 ta’ Mejju 2011.

Rat ir-risposta ta’ Stephen Muscat datata 21 ta’ Marzu 2011 a fol 17 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal Industrijali hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-11 ta’ Mejju 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. John Mizzi ghall-appellanti u Dr. David Farrugia Sacco ghas-socjeta` appellata li rrimettew ruhhom ghall-atti. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta’ Jannar 2012; u l-verbal tal-31 ta’ Jannar 2012 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta’ Frar 2012 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u tat-2 Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta’ Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni (numru 2055) tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datata 9 ta’ Frar 2011 u d-decizjoni (numru 1916) tas-27 ta’ Frar 2009 (erronjament indikata fid-decizjoni bhala moghtija fit-28 ta’ Frar 2009).

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravvji tal-appellanti huma li (a) l-eccezzjoni li kellha tigi determinata bid-decizjoni datata 28 ta’ Frar 2009 kienet biss jekk is-socjeta’ appellanti odjerna hijiex il-legittimu kontradittur, ghaliex l-eccezzjoni taghha kienet li l-appellat ma kienx impjegat maghha izda ma’ Gordon Farrugia, u allura t-Tribunal kellu jiddeciedi biss fuq dan u la darba jirrizulta li l-appellat ma kienx jahdem mas-

socjeta' appellanti mela t-Tribunal allura kellu jilqa' din l-eccezzjoni; (b) illi t-Tribunal ma setghax jordna korrezzjoni fis-sens li jigi nkluz bhala intimat fil-kawza Gordon Farrugia skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 175 tal-Kap. 12** u dan ghaliex qatt ma saret tali talba ghall-korrezzjoni, d-decizjoni kellha tinghata fuq l-eccezzjoni tas-socjeta' appellanti li hija ma hijiex il-legittimu kontradittur, u fuq kollox tali korrezzjoni intuzat sabiex jigu salvati atti li kienu *fouri termine* u dan ghaliex il-kaz kellu jigi prezentat mill-appellat quddiem it-Tribunal Industrijali fi zmien indikat fl-**artikolu 75 (3) tal-Kap. 452** u mhux wara aktar minn sena u nofs mit-terminazzjoni ta' mpjieg f'Gunju 2007; (c) jirrizulta li mill-provi dan kien kaz ta' *redundancy* u allura saret interpretazzjoni hazina tal-fattispecie tal-kaz; (d) id-decizjoni hija kontradittorja ma' dik moghtija precedentement ghaliex la darba fl-ewwel decizjoni t-Tribunal Industriujali sostna li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' appellanti li hija ma hijiex il-legittimu kontradittur mhux qed tigi milqugha, mela allura fit-tieni decizjoni ma' setghax jindika lill-intimat Gordon Farrugia  bhala l-legittimu kontradittur, u dan ghaliex allura dan ifisser li proprju l-eccezzjoni tas-socjeta' appellanti kellha tintlaqa' mill-ewwel.

Illi din il-Qorti ser titratta l-ewwel it-tieni aggravju u f'dan il-kuntest jinghad li wara li l-impjieg tal-appellat kien giet terminatr fl-1 ta' Gunju 2007, l-azzjoni tieghu ghall-allegata tkeccija ngusta kienet saret ghall-ewwel biss kontra s-socjeta' Amstrong Company Limited permezz ta' rikors datat 2 ta' Lulju 2007 u l-unika eccezzoni li qajmet l-istess socjeta' intimata kienet li l-intimat ma kienx jahdem maghha u allura hija ma ma ebda relazzjoni mieghu. Fil-fatt b'verbal datat 12 ta' Ottubru 2007 it-Tribunal Industrijali ordna li l-partijiet jillimitaw il-provi tahhom fuq l-isem ta' min ihaddem lir-rikorrenti. Fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2008 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghas-27 ta' Frar 2009 ghad-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' intimata hawn appellanti.

Illi fil-fatt inghatat Decizjoni numru 1916 fl-istess data izda datata bi zball 28 ta' Frar 2009 fejn inghad mid-dokumenti kien hemm disgwid jekk ir-rikorrenti kienx impjegat ma'

Gordon Farrugia, id-ditta Armstrong jew is-socjeta' Armstrong Company Limited u sostna li la darba l-atti ghandhom jigu salvati kemm jista' jkun, u allura la darba Gordon Farrugia jidher kemm personalment taht Armstrong u kif ukoll taht Armstrong Company Limited abbazi tal-**artikolu 175 tal-Kap. 12** huwa laqa' t-talba ghall korrezzjoni sabiex l-isem ta' Gordon Farrugia jigi mizjud bhala intimat fil-kawza b'dan li cahad l-eccezzjoni tas-socjeta' appellanti li hija ma ghandhiex tirrispondi ghat-talba tar-rikorrenti.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess fil-kuntest tat-tieni aggravju tas-socjeta' appellanti fis-sens li dak li kellu jigi deciz kien biss jekk is-socjeta' appellanti kellhiex relazzjoni mar-rikorrenti, u ma kellha ssir l-ebda korrezzjoni bl-inkluzjoni ta' Gordon Farrugia bhala intimat, kemm ghaliex dan ma kienx gie mitlub lanqas mir-rikorrenti u allura hija inkorretta d-decizjoni tat-Tribunal meta sostna li qed jordna korrezzjoni fuq talba li saret, meta tali talba f'dak l-istadju lanqas kienet tezisti lanqas mir-rikorrenti, u wkoll jidher li tali ordni ta' zieda ta' intimat fil-kawza ma setghetx issir ghaliex dan kien ifisser li effettivament il-kawza giet estiza kontra persona ohra bhala *employer* f'Frar 2009, meta t-terminazzjoni tal-impjieg tal-intimat appellat sehhet fil-bidu ta' Gunju 2007, u allura dan ifisser li l-kawza kontra l-imsemmi Gordon Farrugia tkun saret iktar minn sena u nofs wara tali terminazzjoni ta' impjieg, u dan kontra l-provedimenti tal-**artikolu 75 (3) tal-Kap. 452** li perentorjament jippreskrici terminu ta' erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat sabiex jipprezenta azzjoni kontra l-principal.

Illi mhux hekk biss izda korrezzjoni taht l-**artikolu 175 tal-Kap. 12** tista ssir biss wara li ssir talba minn wahda mill-partijiet f'dak is-sens u tali talba ma jidhirx mill-atti li saret, u din kellha tigi biss akkolta jekk ma tbiddilx is-sostanza tal-azzjoni tar-rikorrenti u l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati. F'dan il-kaz certament li tali korrezzjoni kienet ser tippregudika l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata. B'hekk din il-Qorti thoss li t-tieni aggravju ghandu jigi milqugh.

Illi dwar l-ewwel gravamm jirrizulta wkoll li dan huwa ben fondat peress it-Tribunal Industrijali kellu jiddeciedi biss fuq l-unika eccezzjoni mqajjma mis-socjeta' appellanti u cjoe' li hija ma kellhiex ebda relazzjoni mar-rikorrenti ghaliex ma kienx impjegat taghha, eccezzjoni li fil-fatt bil-mod kif giet redatta l-ewwel sentenza ma ddeciditx. Dan apparti l-fatt li mill-atti kollha (hlief ghal dokument wiehed) inkluzi l-formula tat-terminazzjoni ta' impjieg, payslips, FS 5s, FS 7s, u FS 3s jirrizulta li r-rikorrenti kien impjegat minn April 2005 sa Gunju 2007 ma' Gordon Farrugia bid-ditta Armstrong, u jirrizulta wkoll li l-imsemmi Gordon Farrugia ma ghandux x'jaqsam mas-socjeta' Armstrong Co.Ltd, tant li qatt ma pprezenta l-istess, u lanqas kien azzjonista jew direttur taghha u ghalhekk meta fl-ewwel decizjoni inghad li *"dan Gordon Farrugia huwa proprjetarju tad-ditta Armstrong kif ukoll Direttur u Azzjonista fis-socjeta' Armstrong Company Limited"* dan huwa manifestament inkorrett, ghaliex mill-Memorandum and Articles tal-istess socjeta' dan ma huwiex minnu. Fuq dan il-bazi l-eccezzjoni tas-socjeta' appellanti li hija ma kellhiex relazzjoni mar-rikorrenti kellha u ghandha tigi milqugha. Fil-fatt johrog car minn kwazi l-atti kollha esebiti li l-impjieg tar-rikorrenti kien biss ma' Gordon Farrugia ezercitanti l-kummerc taht l-isem tad-ditta Armstrong, u dan huwa kkonfermat mid-dokumenti kollha, hlief ghall dak li jidher li hareg bi zball mil-ETC (Dok. "AFS/SM/2) li jghid li r-rikorrenti beda jahdem mas-socjeta' Armstrong Co. Ltd fl-1 ta' April 2005 u dak ta' terminazzjoni ta' impjieg datat 7 ta' Gunju 2007 li jindika l-isem tas-socjeta' bhala l-principal ma min ir-rikorrenti kiejn jahdem, u dan meta fl-*engagement form*, fl-*employment history*, u fit-*termination form*, u fil-*pay slips*, u partikolarment mid-dokumenti kollha mahruga mill-principal tieghu u wkoll mill-ETC stess, bhal *employment history*, id-dokument datat 23 ta' Mejju 2008 (Dok. "JD/V) jirrizulta li r-rikorrenti kien impjegat mad-ditta Armstrong, u partikolarment ma' Gordon Farrugia (ara wkoll Dok. "JD/W' sa Dok. "JD/Z". Mela allura mill-provi jirrizulta wkoll li r-relazzjoni ta' impjieg tal-appellat ma kienitx mas-socjeta' appellanti u ghalhekk anke l-ewwel gravamm qed jigi milqugh.

Illi dan ifisser li l-ewwel u l-unika eccezzjoni tas-socjeta' appellanti kellha tigi milqugha billi jigi ddikjarat li r-rikorrenti appellat ma kellu ebda relazzjoni mas-socjeta' appellanti, u wkoll ma kellha ssir l-ebda korrezzjoni billi Gordon Farrugia jigi nkluz fil-kawza, u dan ukoll ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tilqa' l-appell kif propost fuq l-ewwel zewgt aggravji u dan iwassal ghar-revoka tad-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali datati 28 ta' Frar 2009 (decizjoni numru 1916), u 9 ta' Frar 2011 (decizjoni numru 2055),, b'dan li qed tigi revokata l-ordni ta' "korrezzjoni ghall-inkluzzjoni ta' Gordon Farrugia bhala intimat, u minflok qed tigi milqugha l-eccezzjoni tas-socjeta' Armstrong Company Limited li hija ma hijiex il-legittmu kontradittur, u dan ifisser li t-talba tar-rikorrenti appellat fir-rikors tieghu datat 2 ta' Lulju 2007 quddiem it-Tribunal Industrijali qed tigi michuda ghar-ragunijiet hawn decizi.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta ta' l-appell tal-appellat Stephen Muscat datata 21 ta' Marzu 2011 in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors taghhom datat 21 ta' Frar 2011 b'dan illi qed jigu annullati u revokati d-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali datati 28 ta' Frar 2009 (decizjoni numru 1916), u 9 ta' Frar 2011 (decizjoni numru 2055) fl-ismijiet hemm rispettivament premessi, b'dan li konsegwentement qed tigi revokata l-ordni ta' "korrezzjoni" ghall-inkluzjoni ta' Gordon Farrugia bhala intimat, u minflok qed tigi milqugha l-eccezzjoni tas-socjeta' Armstrong Company Limited li hija ma hijiex il-legittmu kontradittur, b'dan li t-talba tar-rikorrenti appellat Stephen Muscat fir-rikors tieghu datat 2 ta' Lulju 2007 quddiem it-Tribunal Industrijali qed tigi michuda ghar-ragunijiet hawn decizi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellat Stephen Muscat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------